# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt     Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 50 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu 2014 fis-6.30 p.m.***

**Presenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi (daħal fis-6.47 pm) |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |
| **Mistiedna:** | |
| **Ambaxxtriċi Żgħażugħa** | Rebecca Chircop |

**50/01 Talba**

50/01/01 Il-laqgħa bdiet fil-6.44 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba.

**50/02 Tkomplija tal-Laqgħa Numru 49/06.**

50/02/01 Is-Sindku spjega li din il-Laqgħa hi kontinwazzjoni tal-Laqgħa Nru 49/06 li kienet twaqqfet ħesrem fid-9.25 pm peress li s-Segretarju Ezekuttiv (SE) ma setgħetx tibqa' izjed. X'ħin telqet is-SE il-Kunsill kien qed jiddiskuti l-Item Nru 8 tal-Aġenda u kien qed jitkellem il-Kunsillier Alfred Muscat. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Muscat sabiex ikompli.

50/02/02 Il-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi daħal fis-sala fis-6.47 pm.

**49/08 Materji Oħra u Mistoqsijiet**

49/08/14 Il-Kunsillier Muscat sostna li meta hu intalab li joħroġ mill-uffiċċju tal-Kunsill għaliex kien ġie d-*driver* ta*l-iscammel* biex jinforma li dak in-nhar kien hemm ħafna boroz suwed hu kien ħa għalih u jħoss li ma kienx hemm il-bżonn li jintalab li jagħmel hekk. Is-SE fakkret li hi kienet talbet bil-prudenza kemm lilu kif ukoll lill-ħaddiema biex joħorġu mill-uffiċċju amministrattiv sabiex tkun tista' tara x'ġara. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu ma kienx hemm ġustifikazzjoni għalfejn l-*istaff* u l-Kunsillier Muscat kellhom jiġu mitluba joħorġu mill-uffiċċju għaliex sempliċiment ġie *d-driver* tal-*iscammel*. Hu jħoss li trid isir distinzjoni bejn kż u ieħor. eż kieku ġie resident sabiex jagħmel ilment wieħed jifhem li dan irid isir f'ambjent kunfidenzjali. Il-Kunsill qabel ma din l-interpretazzjoni filwaqt li diversi Kunsillieri qalu li kieku kienu huma ma kienux joħorġu l-barra mill-uffiċċju.

49/08/15 Il-Viċi Sindku, s-Sur Azzopardi staqsa dwar il-bini ta' *culvert* fi Triq San Ġwann mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku spjega li l-MEPA ħarġu l-permess u riċentament konna

informajna lill-Onor Ministru J. Mizzi. Il-Viċi Sindku qal li resident kien qallu li fi żmien kien diġa' jeżisti xi forma ta' *culvert* fl-inħawi.

49/08/16 Il-Kunsill ingħata dettalji tal-*warnings* li ħarġu *l-ECO wardens* meta kienu preżenti fir-raħal.

49/08/17 Il-Kunsill unanimament approva li għaqda li tieħu ħsieb l-interessi ta' persuni li jbagħtu bil-kundizzjoni tal-autism tkun tista' tuża s-Sala tal-Kommunita nhar il-Ġimgha 27 ta' April 2014 għas-6.30pm għal xi siegħa sabiex issir diskussjoni dwar dan is-suġġett.

49/08/18 Il-Kunsill unanimament approva li fil-4 ta' Mejju 2014 jiġi organiżżat it-Tberik tal-Annimali flimkien mal-kumitat Tberik tal-Annimali. Il-Kunsill approva li jintalab is-servizz ta' żewg pulizija tal-kavallerija kif ukoll dak in-nhar jkun hawn is-servizz tal-kennies.

49/08/19 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sejħa ghall-offerti tal-*Wheelchair Platform Lift* se tagħlaq nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2014 f'nosinhar meta ser jagħlqu wkoll il-kwotazzjonijiet tal-*Picnic Tables/ Benches* u tal-*Litter Bins*. Il-Kunsillieri s-Sur Muscat u s-Sur Vincent Galea se jkunu preżenti għall-ftuħ ta' dawn flimkien mas-SE.

49/08/20 Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien ircieva offerta' wahda biss minghand *Correct Termination Ltd* sabiex jiġi provdut is-servizz ta' *Online Streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill. Id-dipartiment għal-Gvern Lokali (DGL) kien ikkonferma li din l-offerta' hi konformi mas-speċifikazzjonijiet tekniċi li talab id-DGL. Il-Kunsill unanimament approva li tiġi aċċettata din l-offerta' kif ukoll awtoriżża lis-Sindku u lis-SE sabiex jiffirmaw il-kuntratt u tinħareg il-*works order* ħalli dan is-servizz ikun jista' jibda jaħdem dan ix-xahar stess. Is-SE applikat għall-fondi oħra fejn id-DGL se jagħti €1,000 kull sena għat-tlett snin li jmiss biex jgħin f'dan is-servizz.

49/08/21 Il-Kunsillier Muscat informa li ġie identifikat post fejn tista' teħel *traffic hump* fi Triq Dun Karm Vella. Il-Kunsill unanimamet approva li jintalab il-permess ta' TM kemm għal din it-*traffic hump* kif ukoll għal dik fi Triq il-Kbira. Il-Kunsillier Muscat ser jipprovdi ritratti tal-postijiet indikati.

**50/03 Aggornament**

50/03/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.00 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nħar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2014 fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **18 ta' Marzu 2014** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |